MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

## ONOR. IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2015

Rikors Numru. 97/2013

**Richard Cuschieri**

**Vs**

**Avukat Generali**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors ta' Richard Cushieri tad-9 ta' Dicembru 2013 li jaqra hekk:

*"Illi l-esponent jinsab akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja b'akkuzi inter alia li ghamel atti terroristici fl-edificju tal-Qorti;*

*Illi f1-udjenza ta' l-10 ta' Settembru 2012 il-prosekuzzjoni tablet illi jigi estiz l-inkarigu ta' l-esponent Martin Bajada sabiex issir "voice comparison" tat-telefonati esebiti fid-dokumenti MB U MB 1 sa MB 8 mal-vuci ta' l-esponent Richard Cuschieri;*

*Illi il-Qorti laqghet it-talba u ordnat illi l-esponent jissottometti ruhu ghal testijiet sabiex jittihdulu samples tal-vuci tieghu;*

*Illi umilment jigi sottomess illi dik il-Qorti qatt ma setghet tordna lill-imputat jissottometti ruhu ghal tali test waqt l-istadju tal-kumpilazzjoni ghaliex b'hekk l-istess Qorti tkun qed tinkrimina lill-esponent;*

*Illi ghandu jigi sottomess illi il-Qorti iddeduciet il-poter taghha sabiex timxi similment mal-predispost tal-Artikolu 397 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi ghandu jinghad illi allura il-Qorti Struttorja ghandha il-poter tordna tahrika ta' xhieda, tordna li jigu, prodotti il-provi li jidhrilha xierqa, tordna accessi u perkwizizzjonijiet u kull haga ohra li tenhtieg sabiex il-gbir tal-provi tal-kawza tkun kompluta;*

*Il-Qorti tista' ukoll, taht dawk il-kawteli li jidhrilha xierqa tezamina jew tordna li tigi ezaminata minn periti xi parti tal-gisem ta' l-imputat. Mela allura fejn il-legislatur ried jaghti poteri legislatur, ta espressament tali poteri specjali bhal per ezempju sabiex jigu, elevati samples ta' DNA jew marki ta' swaba;*

*Illi l-esponent umilment jirrileva illi minn imkien ma jirrizulta illi l-Qorti tista' per ezempju iggieghel lill-imputat jaghti sample tal-kitba tieghu jew ad dirittura iggieghlu jaghti sample tal-vuci tieghi;*

*Illi huwa palezi illi una volta li l-imputat tressaq il-Qorti bl-ebda mod ma jista' jigi inkriminat. Illi li kieku il-legistaltur ried li jaghti poter wiesgha lill-Qorti Istruttorja taghmel dak kollu li jidhrilha, ma kienx ikollu ghalfejn jippreciza illi il-poter tal-Qorti hu li televa samples ta' DNA, marki ta' swaba u tordna li jigi fotografat l-imputat;*

*Illi ghaldaqstant l-esponent jikkontendi illi meta huwa gie ordnat mill-Qorti jaghti sample tal-vuci tieghu sabiex jigi paragunat ma' dokumenti ohra, b'dak il-mod l-esponent gie ordnat jinkrimina ruhu;*

*Ili dan kollu huwa leziv tad-drittijiet fundamentali u kostituzzjonali ta' l-esponent kif sanciti fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-artikolu 39 tal-Kostrtuzzjoni ta' Malta;*

*Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghoghba:*

1. *Taqta u tiddikjara illi l-ordni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja sabiex l-esponent jissottometti ruhu ghal ezercizzju sabiex tittehidlu sample tal-vuci tieghu, leziva tad-drittijiet ta' l- esponent ghal smiegh xieraq kif sanciti fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-drittijiet tal-Bniedem u l-artikolu 39 tal-Kostttuzziont ta' Malta;*

2. *Taghti rimedju effettiv u dana billi, filwaqt li tirrevoka dik l-ordni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja datata 10 ta' Settembru 2012, tordna l-*

*isfilz ta' kwalsiasi rizultanzi illi jistghu talvolta jemergu mit-testijiet kondotti mill-espert Martin Bajada;*

3. *Taghti dawk l-ordnijiet u provvedimenti xierqa u necessarji sabiex jigu (salvagwardati) id-drittijiet inerenti u kostituzzjonali ta' l-esponent kif hawn fuq indikata;"*

Rat li l-intimat gie notifikat bir-rikors, d-digiet u bl-avviz tas-smiegh skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali tal-14 ta'Jannar 2014 , (a fol. 8 et seq) li taqra hekk:

1. *"Illi l-allegazzjonijiet tar-rikorrent fis-sens illi l-ordni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja sabiex l-imputat u rikorrent odjern jissottometti ruhu ghal ezercizzju sabiex ttitehidlu sample tal-vuci tieghu hija allegatament leziva tad-drittijiet tieghu ghal smiegh xieraq kif sancit fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-drittijiet tal-Bniedem u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta huma kollha nfondati fil-fatt u fid-dritt;*

2. *Illi in linea preliminari, l-allegazzjonijiet u t-talbiet li qeghdin isiru mir-rikorrent huma frivoli u vessatorji u jabbuzaw minn din il-procedura straordinarja kostituzzjonali ghal diversi ragunijiet:*

*2.1. Illi fl-ewwel lok l-esponent jirrileva li r-rikorrent diga ressaq l-ilmenti tieghu quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja b' rikors datat 16 ta'Settembru 2013 permezz ta' liema talab lil dik l-Onorabbli Qorti tordna li*

*ghandha ssir referenza Kostituzzjonali u konsegwentement tirrimanda l-atti quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili sabiex jigi determinat jekk l-ordni ta' dina l-Onorabbli Qorti sabiex l-esponent jissottometti ruhu sabiex tittehidlu sample hix leziva tad-drittijiet ta' l-esponent kif sanciti fl-aartikolu 6(3)(c) u 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem'. Fit-18 ta' Settembru,2013 l-esponent oppona ghal din it-talba u fl-udjenza tat-23 ta' Settembru 2013 l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti Istruttorja, filwaqt li ddikjarat li taqbel mar-risposta tal-Avukat Generali, iddikjarat it-talba tal-imputat ghal referenza kostituzjonali bhala wahda frivola u vessatorja u konsegwentement cahdet it-talba u ordnat il-prosegwiment tal-kumpilazzjoni:*

*2.2. Illi di piu' u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrent qieghed jikkontendi li l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti struttorja m'*

*ghandha l-ebda vires tordna lill-imputat jaghti sample tal-vuci tieghu. Bir-rispett dovut, din l-Onorabbli Qorti f'din is-sede ghandha l-kompitu limitat illi tara kienx hemm ksur jew le tad-drittijiet sanciti fil-Kostituzzjoni ta' Malta jew fil-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem mhux li tirrevedi d-digrieti tal-Qrati l-ohra biex tiddeciedi jekk dawn gewx deciz sewwa jew le skond il-ligi procedurali ordinarja;*

3. *Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent ma jaqbilx ma l-allegazzjoni tar-rikorrent fis-sens illi 'minn imkien ma jirrizulta li l-Qorti tista' ggieghel lil-imputat jaghti sample tal-vuci tieghu'. Anzi, fost il-poteri li ghandha l-Qorti Struttorja skont l-Artikolu 397 (1) tal-Kap 9, hija ".... tista' tordna.....kull hag'ohra li tinhtieg biex il-gabra tal-provi tal-kawza tkun kompluta minn kollox." Is-subortikolu (2) tal-imsemmi artikolu jipprovdi ukoll li l-Qorti Struttorja tista ukoll tordna ezamijiet intimi tal-gisem. Isegwi ghalhekk li apparti mpronti digitali, fotografija tal-imputat ecc., li huma espressament imnizzla fl-Artikolu 397 imsemmi, jekk il-Qorti Struttorja tqis li kampjun tal-vuci huwa mehtieg ghal finijiet ta' gbir ta' provi, hija dejjem*

*ghandha s-setgha kollha li taghmel dan skont il-ligi u minghajr allura ma tmur oltre l-poteri taghha;*

4. *Illi sorvolat dan il-punt u dejjem minghajr pregudizzju, l-ordni tal-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Struttorja sabiex ir-rikorrent jaghti kampjun tal-vuci tieghu bl-ghan li tigi paragunata mat-telefonati ta' theddid ta' bombi fil-bini tal-Qorti ma jammonta ghall-ebda lezjoni tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem kif allegat mir-rikorrent. Id-dritt tal-imputat li ma jinkriminax lilu nnifsu ma jipprekludix lill-prosekuzzjoni milli tinvestigah fuq suspett li kkommetta reat kriminali u wisq inqas jipprekludi lill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti Struttorja milli tordna li jsir dak kollu necessarju sabiex jingabru l-provi;*

5. *Illi dwar il-principju li persuna ma tinkriminax ruhha, fil-kaz Jalloh v. Germany[1], il-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem tenniet il-principju: "102. The Court has consistenly held, however, that the right not to incriminate oneself is primarily concerned with respecting the will of an accused person to remain silent. As commonly understood in the legal systems of the Contracting Parties to the Convention and elsewhere, it does not extend to the use in criminal proceedings of material which may be obtained from the accused through the use of compulsary powers but which has an existence independent of the will of the suspect such as, inter alia, documents acquired pursuant to a warrant, breath, blood, urine, hair <u>or voice samples</u> and bodily tissue for the purpose of DNA testing (see Saunders, cited above, § 69; Choudhary v.the United Kingdom (dec.), no. 40084/98, 4 May 1999; J.B. v. Switzerland, cited above, §68; and P.G. and J.H. v. the United Kingdom, cited above, § 80)'; (enfasi tal-esponent)*

6. *Illi b'applikazzjoni tal-principji 'l fuq citati ghall-fattispeci tal-kaz odjern, l-esponent jeccepixxi li l-interpretazzjoni letterali li r-rikorrent qieghed jaghti dwar id-dritt li jibqa sieket hija manifestament zbaljata. Id-dritt tar-rikorrent li ma jinkriminax lilu nnifsu bl-ebda mod ma jfisser li ma jistax jigi ordnat jaghti kampjuni tal-vuci, dment illi b'tali kampjuni ma jkunx qieghed jigi mgieghel jaghmel 'incriminating statements'. Fil-fatt,*

[1] *Application no.54810/00 deciz mill-Grand Chamber fil-11 Lulju 2006*

*fil-kaz* ***P.G. AND J.H. v. The United Kingdom***[2]*il-Qorti Ewropea specifikament iddecidiet illi 'the Court considers that the voice samples, which did not include any incriminating statements, may be regarded as akin to blood, hair or other physical or objective specimens used in forensic analysis and to which privilege against self-incrimination does not apply (see Saunders, cited above, pp. 2064-65,§69).':*

7. *Illi effettivment, l-imputat u rikorrent odjern m'hu bl-ebda mod qieghed jigi ordant jaghmel 'incriminating statements' izda qieghed biss jigi debitament ordnat jaghti kampjuni tal-vuci tieghu lil espert tal-Qorti Dr Martin Bajada sabiex dan ta' l-ahhar ikun jista 'jaghmel comparison tat-tetefonati ppresentati llum mal-vuci tal-imputat Richard Charles Cuschieri'. Isegwi ghalhekk, skond il-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea, li l-ordni tal-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti Struttorja mhijiex leziva ghad-dritt tar-rikorrent ghal smiegh xieraq kif allegat minnu;*

8. *Illi dejjem minghajr pregudizzju, ma hemm lok ghall-ebda rimedju kif mitlub mir-rikorrent;*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Ghaldaqstont l-esponent, bir-rispett jitlob lil din l-Onorobbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet tar-rikorrent bl-ispejjez kontra tieghu."*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

[2] *Application no.44787/98 deciz mit-Tielet Sezzjoni tal-Qorti Ewropea fil-25 ta'Settembru 2001*

Rat in-nota t'osservazzjonijiet ta' Richard Cushieri tas-27 ta' Novembru 2014 (a fol 553 et seq.);

Rat in-nota responsiva tal-Avukat Generali tal-15 ta' Jannar 2015 (a fol. 556 et seq);

Rat id–dokumenti u l-atti kollha ezebiti fil-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet (a fol. 564);

**Ikkonsidrat:**

It-talba odjerna tirrigwarda lment ta' indoli kostituzzjoni – cioe' lezjoni ta' dritt ta' smiegh xieraq ai termini tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u ai termini tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u dana stante, kif allegat mir-rikorrenti, l-Qorti tal-Magistrati ma setghatx tordna li r-rikorrent jigi assogettatt li jaghti kampjun tal-vuci tieghu ghaliex dan il-poter ma jiffigurax fl-Artikolu 397 tal-Kapitolu 9 u li inoltre, bit-tehied mandatarju ta' kampjun tal-vuci, Cuschieri kien qieghed jigi mgieghel li jinkrimina ruhu.

Il-Qorti tghaddi biex tezamina l-Artikolu 397(1) Kapitolu 9 li jiddisposni:

> ***"397. (1) Il-qorti tista' tordna t-taħrika ta' xhieda u l-produzzjoni ta' provi li jkun jidhrilha meħtieġa, kif ukoll il-ħruġ ta' ċitazzjonijiet jew mandati ta' arrest kontra kull awtur ieħor jew kompliċi li hija tikxef. Il-qorti tista' tordna wkoll aċċessi, perkwiżizzjonijiet, esperimenti, u kull ħaġ'oħra li tinħtieġ biex il-ġabra tal-provi tal-kawża tkun kompluta minn kollox. "***(Enfasi ta' din il-Qorti)

Din il-Qorti  kif preseduta, fir-Referenza Kostituzzjonali Numru. 79/2013, **il-Pulizija (Spettur Fabian Fleri) vs Nazzareno Grech**, deciza fid-9 ta' Lulju 2014 rriteniet:

> ***"mill-Artikolu 397 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fuq kwotat, huwa evidenti li l-ligi Maltija tipermetti l-ezamijiet tal-partijiet tal-gisem tal-imputat kemm ghall-dak li jirrigwardja kampjuni intimi kif ukoll ghall-dawk mhux intimi li jkopru sintendi kampjun tal-kaligrafija moghti mill-imputat... din l-ahhar parti tal-Artikolu 397 li giet sottolinejati minn din il-Qorti, kienet intiza mill-Legislatur Malti biex tkopri dawk  l-izviluppi xjentifiki u forensici li, mal-medda taz-zmien, jigu skoperti, minghajr il-htiega ta' bdil kontinwu fil-legislazzjoni.  Ix-xjenza tal-kaligrafija hija wahda minn dawn l-izviluppi forensici."***

Isegwi illi apparti l-ezamijiet u l-analizi indikati esplicitament fl-Artikolu 397 tal-Kapitolu 9 – bhal fotografija, impronti digitali, kampjuni ta' demm/saliva,  l-Qorti tal-Magistrati ghandha

s-setgha moghtiija mill-ligi sabiex tordna ***"kull haga ohra li tinhtieg biex il-gabra tal-pprovi tal-kaz tkun kompluta minn kollox".***

Ma hemmx dubbju ghalhekk illi l-ordini ghat-tehid ta' *voice sample* tar-rikorrenti saret skond l-Artikolu 397 tal-Kapitolu 9 u dan huwa zvilupp xjentifiku forensiku li huwa ammess fil-pajjizi zviluppati li jhaddnu d-demokrazija.

Il-Qorti tghaddi biex tezamina jekk kemm-il darba t-tehid ta' *voice sample* ghall-fini tal-komparazzjoni ma telefonati rekordjati fil-pussess tal-Pulizija, jilledix dritt tar-rikorrenti li ma jinkriminax lilu nnisfu u ergo d-dritt ta' smiegh xieraq.

Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem jipprovdi:

> ***(1) Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jista' jiġi eskluż mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurtà nazzjonali f 'soċjetà demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn ikun rigorożament meħtieġ fil-fehma tal-qorti f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċità tista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja.***

*(2) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm ma jiġix pruvat ħati skont il-liġi.*

*(3) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu d-drittijiet minimi li ġejjin:*

*(a) li jkun infurmat minnufih, b'lingwa li jifhem u bid-dettal, dwar in-natura u r-raġuni tal-akkuża kontra tiegħu;*

*(b) li jkollu żmien u faċilitajiet xierqa għall-preparazzjoni tad-difiża tiegħu;*

*(ċ) li jiddefendi ruħu persunalment jew permezz ta' assistenza legali magħżula minnu stess jew, jekk ma jkollux mezzi biżżejjed li jħallas l-assistenza legali, din għandha tingħata lilu b'xejn meta l-interessi tal-ġustizzja jeħtieġu hekk;*

*(d) li jeżamina jew li jara li jiġu eżaminati xhieda kontra tiegħu u li jottjeni l-attendenza u l-eżami ta' xhieda favur tiegħu taħt l-istess kundizzjonijiet bħax-xhieda kontra tiegħu;*

*(e) li jkollu assistenza b'xejn ta' interpretu jekk ma jkunx jifhem jew jitkellem il-lingwa użata fil-qorti.*

Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdi:

> ***39. (1) Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi.***

Ghar-rigward ta' uzu t'evidenza miksuba b'lezjoni ta' dritt ta' silenzju u il-privilegg li cittadin ma jinkriminax ruhu, il-Qrati Ewropew affermaw l-esistenza ta' *standards* rikonoxxuti madwar dinja demokratika li huma l-qofol ta' kuncett ta' procedura gusta taht l-Artikolu 6. Ir-*raison d'etre* ta' dawn l-*istandards* huma ankrati fil-protezzjoni tal-akkuzat kontra koerzjoni mhux flokha mill-Awtoritajiet biex b'hekk jigu eliminati l-ingustizzji.

Id-dritt ta'cittadin li ma jinkriminax ruhu jippresupponi li l-prosekuzzjoni tipprova l-kaz taghha kontra l-akkuzat minghajr l-uzu t'evidenza miksuba b'koerzjoni jew b'oppressjoni u kontra l-volonta' tal-akkuzat – Vide **Saunders vs UK** deciza fis-17 ta' Dicembru 1996' **Heaney and Mc Guinness vs Ireland** App. No. 34720/97 §51-55; **Allan vs UK** App. No 48539/59 §44; **JB vs Switzerland** App. No. 31827/96 §64.

Il-Qrati Ewropej f'ezami li jwettqu ghad-determinazzjoni jekk il-procedura lamentata tilledix d-dritt tac-cittadin li ma jinkriminax lilu nnisfu, jikkonsidraw is-segwenti:

i. In-Natura u s-severita' ta' koerzjoni;
ii. L-ezistenza o meno ta' salvagwardi fil-procedura lamentata;
iii. L-uzu intiz ghall-materja miksuba.

Vide **Tirado Ortiz and Lozano Martin vs Spain** App. No. 43486/98 deciz fil-15 ta' Gunju 1999.

**Ikkonsidrat:**

Applikati dawn il-kriterji ghall-kaz in ezami, meta si tratta ta' tehid ta' *voice sample,* wiehed jifhem li n-natura u is-severita' tal-koerzjoni mehtiega, hija wahda mill-aktar minima u ma tirrikjedi ebda intervent mediku u ebda forza attiva fuq ir-rikorrenti. Xejn minn dan ma huwa kontemplat jew mistenni.

Illi di piu' il-*voice sample* jittiehed bis-salvagwardji kollha tal-ligi u taht l-iskrutinju tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja u espert indipendenti nominat ghal dan il-ghan. L-uzu tal-*voice sample* hu dirett ghal fini ta' komparazzjoni mal-kamjun tar-*recording* ta' vuci f'diversi telefonati ta' theddid ta' bombi immirati lejn il-Qrati tal-Gustizzja, li gew ricevuti minn diversi membri tal-Korp tal-Pulizija. In effett, dan il-*voice sample* ma jinvolviex aktar intromissjoni jew interferenza minn dak illi akkuzat jesperjenza mat-tehid t'impronti digitali .

Fil-fatt il-Qorti Ewropea fil-kaz **Jalloh vs Germany** App. No. 54810/00 deciza fil-11 ta' Lulju 2006 rriteniet:

> ***102. The Court has consistently held, however, that the right not to incriminate oneself is primarily concerned with respecting the will of an accused person to remain silent. As commonly understood in the legal systems of the Contracting Parties to the Convention and elsewhere, it does not extend to the use in criminal proceedings of material which may be obtained from the accused through the use of compulsory powers but which has an existence independent of the will of the suspect <u>such as, inter alia, documents acquired pursuant to a warrant, breath, blood, urine, hair or voice samples and bodily tissue for the purpose of DNA testing.</u> (see Saunders,***

> ***cited above, § 69; Choudhary v. the United Kingdom (dec.), no. 40084/98, 4 May 1999; J.B. v. Switzerland, cited above, § 68; and P.G. and J.H. v. the United Kingdom, cited above, § 80).***(Enfasi ta' din il-Qorti)

In oltre fil-kaz **P.G. and J.H. vs The United Kingdom** App No. 787 /98 deciza fil-25 ta'Settembru 2001 il-Qorti Ewropea affermat illi:

> ***"…the Court considers that the voice samples, which did not include any incriminating statements, may be regarded as akin to blood, hair or other physical or objective specimens used in forensic analysis and to which privilege against self-incrimination does not apply (see Saunders, cited above, pp. 2064-65, § 69)."***

Illi r-rikorrenti ma ressaq lanqas xrara t'evidenza li turi, anke b'xi mod remot, illi r-rikorrenti gie mitlub jaghmel xi "incriminating statements" .

Illi ghar-rigward tat-tieni eccezzjoni tal-intimat din il-Qorti tqis li permezz ta' dawn il-proceduri, r-rikorrenti kien ipprevalixxa ruhu legittimament minn procedura sabiex jitlob li jinghata protezzjoni u rimedju propizju ghal dak illi haseb li kien dritt tieghu. Dan ma jistghax jitqies bhala abbuz tal-proceduri legali.

Ghal dawn il-mottivi il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-eccezzjonijiet tal-intimat ghajr t-tieni eccezzjoni, tichad t-talbiet tar-rikorrenti u tiddikjara li l-Ordni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, sabiex r-rikorrenti jissottometti ruhu ghal ezercizzju ta' tehid ta' kampjun tal-vuci tieghu , mhuwiex lesiv ta' dritt li r-rikorrenti ma jinkriminax ruhu u ergo mhux lesiv ta' dritt tieghu ghal smiegh xieraq.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------